



EUROPEAN UNION



MISSJONIJIET TAL-UE

KANĊER

Soluzzjonijiet konkreti għall-akbar sfidi




#EUmissions #HorizonEU #MissionCancer



EUROPEAN UNION

X'inhuma I-Missjonijiet tal-UE ?

Fl-2021, il-Kummissjoni Ewropea nediet ħames Missjonijiet tal-UE - inkluża **I-Missjoni tal-UE dwar il-Kanċer**.



Missjonijiet tal-UE huma inizjattivi ġodda msejsin fuq il-programm ta' riċerka u innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa. **Il-Missjonijiet ser iġibu soluzzjonijiet konkreti għall-akbar sfidi ta' żmienna**, bħall-ġlieda kontra l-kanċer, l-adattament għall-bidla fil-klima, il-protezzjoni tal-oċeani, ibħra u ilmijiet, l-għajxien fi bliet aktar ekoloġiċi u l-iżgurar ta' ħamrija u ikel iktar tajjeb għas-saħħa.

Il-missjonijiet ser jinvolve **I-Ewropej kollha fil-livelli tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali**.

Dawn jinvolve x'nistgħu nagħmlu flimkien biex insawru d-dinja li rridu ngħixu fiha.



EUROPEAN UNION

L-għan aħħari tal-Missjoni dwar il-Kanċer hu **li titjieb il-ħajja ta' iktar minn 3 miljun persuna sal-2030 permezz tal-prevenzjoni, il-kura, u għal dawk affettwati mill-kanċer u l-familji tagħhom, biex jgħixu aktar fit-tul u aħjar.**

Il-Missjoni ser jirnexxilha tagħmel dan billi tindirizza **erba' objettivi ewlenin, biex:**

1 nifhmu x'inhu l-kanċer u l-fatturi ta' riskju tiegħu;

2 nevitaw dak li jista' jiġi evitat;

3 intejbu d-**djanjostika u t-trattamenti;**

4 nappoġġjaw il-**kwalità tal-ħajja** tan-nies li jgħixu bi u wara l-kanċer; waqt li nassiguraw aċċess ekwu għal kulħadd.

Dawn l-objettivi jintegraw flimkien olistikament taħt il-Missjoni dwar il-Kanċer biex itejbu l-ħajja u l-prospetti ta' miljuni ta' Ewropej sal-2030.

Niggiieldu l-kanċer minn **kull angolu**





EUROPEAN UNION

Missjonijiet jaħdmu **flimkien**

Sinerġiji importanti jgħaqqdu l-objettivi tal-Missjoni tal-UE dwar il-Kanċer mal-Missjonijiet l-oħra tal-UE. Dawn jagħmluha possibbli li Missjonijiet differenti jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jtejbu r-riżultati. Dan hu speċjalment veru fejn tidħol il-**prevenzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja**:

- 1** Limitazzjoni tal-użu tal-karozzi f'żoni urbani, id-diġitalizzazzjoni tal-operazzjonijiet tat-trasport jew l-iżvilupp tat-trasport pubbliku, u l-iżvilupp ta' konnessjonijiet aħjar għall-mixi u ċ-ċikliżmu ser jipproduċu ambjent tal-għajxien aktar tajjeb għas-saħħa u stili ta' ħajja aktar attivi permezz tal-**Missjoni dwar l-Ibriet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti**;
- 2** Permezz tal-prevenzjoni, il-minimizzazzjoni, ir-rimedju u l-monitoraġġ tat-tniġġis fl-oċean u l-ilmiet, il-**Missjoni dwar l-Oċeani** ser tappoġġja l-prevenzjoni tal-kanċer;
- 3** Permezz tal-promozzjoni ta' ambjent ħieles minn tniġġis, biedja organika, ikel sikur bla tniġġis u dieti iktar b'saħħithom, il-**Missjoni dwar is-Saħħa tal-Ħamrija u l-Ikel** ser tiżgura kwalità aħjar tal-ilma u tal-arja u tnaqqas il-kontaminazzjoni tal-ikel b'sustanzi kimiċi li hu kruċjali biex jitnaqqas il-kanċer;
- 4** Iż-żieda fil-kwalità tal-arja, il-ġlieda kontra t-tniġġis tal-arja, it-titjib tal-kwalità tal-ħajja u l-protezzjoni tan-nies vulnerabbli, inklużi dawk f'riskju akbar ta' kanċer huma l-objettivi ewlenin tal-**Missjoni dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima**.

Imbagħad, il-Missjoni dwar il-Kanċer, permezz ta' azzjonijiet fuq akkwist sostenibbli (pereżempju biex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tas-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-bini) u l-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni ta' ikel u ilma b'farmaceutiċi/sustanzi kimiċi, ser tikkontribwixxi biex Missjonijiet oħra jilħqu l-għanijiet tagħhom.



EUROPEAN UNION

Ngħaqqdu l-forzi biex niġġieldu l-kanċer

Il-Missjoni tal-UE dwar il-Kanċer tiżgura li r-**riċerka u l-innovazzjoni** jimxu id f'id mal-azzjonijiet tal-politika koperti mill-**Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer**.

Il-Missjoni ser tappoġġja l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer billi tippermetti u taċċellera **approċċi ġodda għar-riċerka u t-tfassil tal-politika fil-qasam**. Dan ser jiżgura li l-azzjonijiet proposti taħt il-Pjan ikunu jistgħu jkunu implimentati b'suċċess f'**approċċ integrat** biex jiżdied l-impatt tagħhom.

Is-segretariat tal-Missjoni dwar il-Kanċer qiegħed f'**djalogu kostanti sew mal-Istati Membri kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati**:

- **IL-MINISTERITAS-SAĦĦA UTAR-RIĊERKA** jiltaqqgħu b'mod regolari fis-sottogrupp tal-kanċer tal-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa, il-Prevenzjoni tal-Mard u l-Ġestjoni ta' Mard li ma Jitteħidx;
- **GRUPP TA' KUNTATT TAL-PARTIJET IKKONĊERNATI** li nħoloq taħt il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa jiġbor iktar minn 300 entità pubblika u privata. Dan hu element ewlieni tal-implimentazzjoni tal-Missjoni għax jippermetti l-involviment tal-partijiet ikkonċernati kollha li jirrapreżentaw il-continuum ta' riċerka, prevenzjoni, dijanjożi, trattament, kura, ambjent, nutrizzjon, xjenzi soċjali, inġinerija, u aktar.





EUROPEAN UNION

Liema sfidi ? jippreżenta **I-kanċer** ?

2.7 MILJUN
PERSUNA

Aktar minn 2.7 miljun persuna fis-27 Stat Membru tal-UE jiġu dijanjostikati bil-kanċer kull sena, b'1.3 miljun imutu minn din il-marda kull sena.

B'1.3 MILJUN
IMUTU

Dawn in-numri mistennija jiżdiedu konsiderevolment fis-snin li ġejjin bħala riżultat tat-tixjiħ tal-popolazzjoni, stili ta' ħajja mhux favur is-saħħa u fatturi ta' riskju oħra mhux favorevoli u determinanti tas-saħħa.

Il-Kanċer hu piż għal pazjenti imma wkoll għall-familji u l-indokraturi tagħhom, b'implikazzjonijiet soċjetali mifruxa. Il-kost ekonomiku tal-kanċer kien EUR 199 biljun fl-2018*, inklużi l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa, it-telf tal-produttività u spejjeż tal-kura informali.

*FI-UE27, u l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit.

Barra minn hekk, hemm inugwaljanzi kbar f'termini ta' aċċess għal skrinjar u għal kura għall-kanċer fl-Unjoni Ewropea.




EUROPEAN UNION

Il-Kanċer u COVID-19: sfida doppja

L-impatt soċjetali sinifikanti tal-kanċer mistenni jkun agħar bħala riżultat tal-pandemija COVID-19.

L-ewwel nett, għaliex il-pazjenti tal-kanċer għandhom riskju iktar għoli ji jżviluppaw forom severi ta' COVID-19.

Barra minn hekk, il-kanċer jikkontrolla l-attivitajiet bħal vaċċinazzjoni u skrinjar, li ġew imnaqqsa minħabba l-pandemija. Dan kellu impatt fuq l-għadd ta' nies vaċċinati kontra l-virus tal-epatite B, il-virus tal-papilloma uman u l-għadd ta' pazjenti djanjostikati kmieni bil-kanċer u li ngħataw il-kura fil-ħin għall-kanċer, kif ukoll fuq il-kwalità ta' ħajja u l-istennija tal-għomor tal-pazjenti għas-snin li ġejjin.





EUROPEAN UNION

Kif il-Missjoni tal-UE dwar il-Kanċer ser tgħin ?

Billi tadotta approċċ minn bosta naħat, il-Missjoni ser tnaqqas sew l-ispejjeż individwali kif ukoll l-ispejjeż soċjetali tal-kanċer. Allura l-għan ser ikun li:

1

Nifhmu aħjar il-kanċer u l-kawżi tiegħu: permezz ta' riċerka mtejjba u tranżizzjoni aċċellerata minn riċerka għal politika pubblika sabiex tevita 40 % tal-kanċer;

2

Niżguraw aċċess ekwu għad-djanjosi u t-trattamenti: permezz tal-iżvilupp ta' metodi u teknoloġiji ġodda għall-iskrinjar u sejbien kmieni biex ikun hemm trattamenti inqas invażivi, iżidu ċ-ċansijiet ta' sopravivenza u jtejjbu l-kwalità tal-ħajja;

3

Intejbu l-ħajja tal-pazjenti sew waqt kif ukoll wara t-trattament: permezz ta' programmi ta' monitoraġġ għas-superstiti tal-kanċer, komprensjoni aħjar ta' u provvediment għal soluzzjonijiet għal firxa ta' effetti sekondarji fiżiċi u mentali u komorbiditajiet kif ukoll it-tnaqqis tal-istigma.



EUROPEAN UNION

Naħdmu flimkien

Il-Missjoni tal-UE dwar il-Kanċer għandha bżonn xiri fis-setturi u minn partijiet ikkonċernati, u li tiffoka fuq il-bżonnijiet tal-pazjenti u l-familji tagħhom, u li tagħti lil kull min hu involut sehem fis-suċċess tagħha. Inizjattivi biex isir iktar faċli għal Ewropej biex jipparteċipaw fil-Missjoni jinkludu:



L-**Applikazzjoni Mobbli tal-UE għall-Prevenzjoni tal-Kanċer** - il-qsim ta' informazzjoni dwar kif tibbenefika minn żviluppi ġodda fil-valutazzjoni personalizzata tar-riskju tal-kanċer, mod kif tagħti s-setgħa lin-nies biex jieħdu ħsieb saħħithom;



Laboratorji Ħajjin – ħolqien ta' opportunitajiet biex intejbu r-riċerka transettorjali, il-qsim tal-għarfien u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda;



L-inizjattiva **HealthyLifestyle4All** - tippromwovi l-isport, l-attività fiżika u dieti tajbin għas-saħħa;



Id-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw - **introduzzjoni ta' liv għal dawk li jindukraw** informalment u l-possibbiltà li titlob arranġamenti ta' ħin ta' xogħol flessibbli biex jonqos l-istrapazz fuq il-benesseri fiżiku, mentali u finanzjarju tagħhom;



Appoġġ għas-**superstiti tal-kanċer** meta jmorru lura għax-xogħol - żgurar tal-appoġġ tal-UE għall-programmi tal-Istat Membru għat-taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet biex tgħin lis-superstiti tal-kanċer jergħgu jidħlu fis-suq tax-xogħol.



EUROPEAN UNION

Involvement **taċ-ċittadini**

Biex inqisu l-opinjoni u l-bżonnijiet taċ-ċittadini, il-Missjoni tinvolvehom fid-disinn, fl-implimentazzjoni u fir-rieżami tal-azzjonijiet tal-missjoni biex tiżgura li qed jiġu mismugħa, rappreżentati u involuti fl-istadji kollha.

Attivitajiet differenti bħal workshops, gruppi ta' fokus u sħarriġ ser ikollhom fil-mira ċittadini minn setturi differenti tal-ħajja, inklużi ż-żgħażaġħ, il-pazjenti u l-familji u l-indoktranti tagħhom, u l-anzjani. Biex trawwem il-parteċipazzjoni, kull attività ser tkun adattata għall-udjenza speċifika u l-lingwa nazzjonali.





EUROPEAN UNION

X'qed jìgri
bħalissa ?

Il-Missjonital-UEdwaril-Kanċertibbenefika
minn appoġġ permezz ta' firxa ta' sorsi:

EUR 255 MILJUN

Il-pjan ta' ħidma ta' Orizzont
Ewropa 2021-2022 assenjat EUR
255 miljun fl-obiettivi tal-erba'
Missjonijiet tal-Kanċer;

B'KOLLOX EUR 1.25 BILJUN

Finanzjament għall-Pjan tal-Ewropa biex
Jingħeleb il-Kanċer: il-programm EU4Health,
b'kollox EUR 1.25 biljun; il-Programm Ewropa
Diġitali li ser jipprovdi sa EUR 250 miljun lill-
proġetti relatati mal-kanċer u investimenti
oħra diġitali tas-saħħa, il-programm Erasmus+,
l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie li ser
jipprovdi sa EUR 500 miljun għal proġetti fl-
edukazzjoni, it-taħriġ u r-riċerka fuq il-kanċer, u
fondi nazzjonali u investimenti privati.

PARTIJET IKKONĊERNATI

Ċentri dedikati ta' missjoni
nazzjonali tal-kanċer ser jgħaqqdu
awtoritajiet nazzjonali, reġjonali
u lokali ma' partijiet ikkonċernati
pubbliċi u privati permezz ta'
politika ta' djalogu, involviment
taċ-ċittadin u attivitajiet ta'
sensibilizzazzjoni.



EUROPEAN UNION

Immorru **lil hinn** **mir-riċerka u l-innovazzjoni**

Barra minn finanzjament għar-riċerka, azzjonijiet ewlenin ser jittieħdu mill-Missjoni tal-UE dwar il-Kanċer biex jilħqu l-għan tagħha:

1 It-twaqqif ta' **inizjattiva Ewropea biex nifhmu l-Kanċer** (il-pjattaforma UNCAN.eu) għal appoġġ ta' kull żvilupp importanti fil-kura tal-kanċer billi ngħaqqdu r-riċerka, il-pazjent u data oħra;

Inwaqqfu **Ċentru Digitalital-Kanċer utal-Pazjent Ewropew** biex jgħin jipprovdi kura personalizzata għall-pazjenti tal-kanċer u s-superstiti bil-qsim ta' data u esperjenzi;

3 Niżguraw aċċess aħjar għall-kura tal-kanċer għall-pazjenti u s-superstiti permezz ta' **Infrastrutturi Komprensivi tal-Kanċer**.

2



EUROPEAN UNION

X'kisbu bosta proġetti ffinanzjati mill-UE s'issa ?

OBJETTIV: NIFHMU L-KANĊER

KOLAZZJON

Il-proġett dwar il-KOLAZZJON għandu l-għan li jidentifika nisa b'riskju moderat sa għoli li jiżviluppaw il-kanċer tas-sider billi jgħaqqdu informazzjoni dwar il-ġenetika u l-istil tal-ħajja. Dan għen jagħti s-setgħa lin-nisa u lit-tobba b'iktar għarfien dwar sottotipi differenti ta' kanċer tas-sider u, bħala riżultat, biex jibnu strateġiji iktar individwalizzati għall-prevenzjoni u l-kura.

<https://cordis.europa.eu/article/id/434351-tumour-goldmine-offers-fresh-insight-into-breast-cancer-subtypes>

PrECISE

PrECISE żviluppa teknoloġija komputazzjonali preventiva li tuża data molekulari u klinika biex ittejjeb il-komprensjoni tagħna tal-mekkaniżmi tal-mard u biex tgħarraf lit-tobba dwar l-aħjar strateġiji għall-intervent terapewtiku.

<https://precise-project.eu/>



EUROPEAN UNION

X'kisbu bosta proġetti ffinanzjati **mill-UE s'issa** ?

OBJETTIV: PREVENZJONI

MyPEBS

MyPebS hi t-tieni l-akbar prova tad-dinja tal-iskrinjar tas-sider bbażata fuq ir-riskju. Strateġiji ta' skrinjar personalizzat ibbażati fuq il-livelli ta' riskju individwali, jistgħu jtejbu potenzjalment il-benefiċċju individwali/il-proporzjon tad-danni tal-iskrinjar - bħad-detezzjoni tal-kanċer iktar kmieni u trattamenti inqas invażivi għal nisa b'riskju għoli, inqas pożittivi falzi u djanjosi eċċessiv f'nisja b'riskju baxx - u żieda tal-kosteffettività għall-assikurazzjoni tas-saħħa nazzjonali.

<https://www.mypebs.eu/>

FORECEE

Il-proġett FORECEE hu bbażat fuq eżamijiet ta' Identifikazzjoni tar-riskju tal-kanċer tan-Nisa (WID) li jbassru r-riskju individwali ta' mara li tiżviluppa kanċers tan-nisa (kanċer tas-sider, tal-ovarji, tal-endometriju u ċervikali). Hu jinvestiga l-aħjar modi ta' inkorporazzjoni ta' dawn l-eżamijiet WID fi programmi fuq skala kbira u kosteffettivi ta' skrinjar u ta' prevenzjoni għall-popolazzjoni sħiħa.

<https://cordis.europa.eu/project/id/634570>



EUROPEAN UNION

X'kisbu bosta proġetti ffinanzjati **mill-UE s'issa** ?

OBJETTIV: DJANJOSI U TRATTAMENTI

ONCOBIOME

Permezz ta' koorti ta' iktar minn 3000 pazjent bil-kanċer f'10 pajjiżi, l-imsieħba tal-proġett ONCOBIOME qed jaħdmu biex jidentifikaw f'rem mikrobijomi relatati mal-okkorrenza tal-kanċer, il-pronjożi u r-rispons għat-terapija. Nittamaw li r-riżultatii tal-proġett ser iwasslu għal eżamijiet ġodda djanjostiċi u pronjostiċi għal kanċer kif ukoll bijotiċi qabel u wara mfassla apposta għall-pazjenti.

<https://www.oncobiome.eu/>

EUROSCARC

Eurosac kellha l-għan li tagħmel provi kliniċi innovattivi sabiex tbiddel il-prattika klinika għall-pazjenti tfal u adulti b'sarkomas tal-għadam u tat-tessuti rotob. Dan ippermetta l-iżviluppa' portafoll uniku ta' provi kliniċi fuq sarkomas u l-iżviluppa' proġetti ta' riċerka ta' traduzzjoni bl-għan li jidentifikaw biomarkaturi preventivi u modi ta' azzjonijiet tat-terapiji ttestjati.

<https://cordis.europa.eu/project/id/278742/reporting>



EUROPEAN UNION

X'kisbu bosta proġetti ffinanzjati **mill-UE s'issa** ?

OBJETTIV: KWALITÀ TAL-ĦAJJA

SurPass

Superstiti tal-kanċer tat-tfal fl-Ewropa jibqgħu jkollhom kwistjonijiet tas-saħħa uniċi waqt li jkunu qed jikbru, li jagħmel il-kura ta' segwitu fit-tul kruċjali. Is-soluzzjoni tal-Passaport tas-Superstiti (SurPass) kienet żviluppata biex tipprovdi s-superstiti b'ħarsa ġenerali kompluta tal-kura tagħhom u rakkomandazzjonijiet personalizzati biex jiżguraw li professjonisti mediċi jkollhom aċċess għall-informazzjoni bżonnjuża kollha f'każ ta' kwistjonijiet tas-saħħa futuri.

<https://siope.eu/activities/joint-projects/survivorship-passport/>

eSMART

L-istudju eSMART jiffoka fuq evalwazzjoni ta' sistema remota ta' monitoraġġ għal sintomi relatati mal-kemoterapija f'pazjenti b'tipi differenti ta' kanċer avanzat. Dan kellu impatt pożittiv fuq servizzi u eżiti tal-pazjent f'ħames pajjiżi tal-istudju billi taw lill-pazjenti u lill-professjonisti mezzi virtwali biex jivverifikaw u jimmaniġġjaw is-sintomi waqt il-kemoterapija f'ambjent ta' kura tad-dar.

<https://www.strath.ac.uk/science/computerinformationsciences/esmart/>



#EUmissions #HorizonEU #MissionCancer